Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/935/ĠAI

tat-30 ta' Novembru 2009

li tiddetermina l-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom il-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet

(ĠU L 325, 11.12.2009, p. 12)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Deċiżjoni ta' 2014/269/UE Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2014	L 138	104	13.5.2014

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/935/ĠAI

tat-30 ta' Novembru 2009

li tiddetermina l-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom il-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) [1] (id-"Deċiżjoni Europol") u b'mod partikolari l-Artikolu 26(1)(a) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/934/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li' tadotta r-regoli implimentattivi li jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-Europol mal-imsieħba, inkluż l-iskambju ta' data personali u informazzjoni kklassifikata [2] u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tagħha,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, li jiddetermina, f'lista, l-Istati terzi u l-organizzazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 23(1) tad-Deċiżjoni Europol li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet.

(2) Hija r-responsabbiltà tal-Bord ta' Amministrazzjoni li jipprepara dik il-lista.

(3) Huwa opportun li tkun prevista proċedura li tistabbilixxi l-mod li bih Stati terzi u organizzazzjonijiet addizzjonali jistgħu jiżdiedu mal-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. F'konformità mal-Artikolu 23(2) tad-Deċiżjoni Europol, l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet mal-Istati terzi u l-organizzazzjonijiet li ddaħħlu fil-lista tal-Anness għal din id-Deċiżjoni. L-Europol jista' jagħti bidu għall-proċedura għall-konklużjoni ta' ftehim hekk kif l-Istat terz jew l-organizzazzjoni tiddaħħal fil-lista. L-Europol għandu jagħmel dak kollu li jista' biex jiġi konkluż ftehim ta' kooperazzjoni ma' Stati terzi u organizzazzjonijiet li jippermetti l-iskambju ta' data personali, sakemm ma jkunx ġie deċiż mod ieħor mill-Bord ta' Amministrazzjoni.

2. L-Europol għandu jagħti prijorità lill-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' Stati terzi u organizzazzjonijiet li ddaħħlu fil-lista, b'kont meħud tal-bżonnijiet operattivi tal-Europol u r-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli. Il-Bord ta' Amministrazzjoni jista' jipprovdi lid-Direttur bi kwalunkwe struzzjonijiet oħra dwar in-negozjar ta' ftehim speċifiku kif iqis meħtieġ.

3. Id-Direttur għandu jinforma lill-Bord ta' Amministrazzjoni fuq bażi regolari dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati li jkunu għaddejjin ma' partijiet terzi u kull sitt xhur għandu jippreżenta rapport dwar il-progress.

[1] ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.
[2] Ara paġna 6 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

▼B

Artikolu 2

1. Membru tal-Bord ta' Amministrazzjoni jew l-Europol jista' jipproponi li fil-lista jiżdied Stat terz jew organizzazzjoni ġdida. Meta jagħmlu hekk, huma għandhom ifissru fil-qosor il-bżonn operattiv għall-konklużjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni ma' dak l-Istat terz jew organizzazzjoni.

2. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jiddeċiedi jekk jippropponix lill-Kunsill jew le biex jiżdied fil-lista dak l-Istat terz jew l-organizzazzjoni.

3. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar iż-żieda tal-Istat terz jew l-organizzazzjoni ġdida fil-lista billi jemenda l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼B

ANNESS

Lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet:

1. Stati terzi (f'ordni alfabetika):

— Albanija

— Awstralja

— Bolivja

— Bożnja-Ħerzegovina

▼M1

— Brażil

▼B

— Ċina

— L-Ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja (FYROM)

▼M1

— Emirati Għarab Magħquda

— Ġeorġja

▼B

— Indja

— Iżlanda

— Iżrael

— Kanada

— Kolumbja

— Kroazja

— Liechtenstein

— Marokk

▼M1

— Messiku

▼B

— Moldova

— Monako

— Montenegro

— Norveġja

— Perù

— Russja

— Serbja

— Stati Uniti tal-Amerika

— Turkija

— Ukraina

— Żvizzera

2. Organizzazzjonijiet (f'ordni alfabetika):

— ICPO-Interpol

— Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana

— Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC)